Nru. 18,201
Prezz/Price
€0.37 (Lm0.16)

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tnejn, 3 ta' Marzu, 2008
Monday, 3rd March, 2008

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

ATT TA' L-1991 DWAR
L-ELEZZJONIJIET ĠENERALI

Avviż

Il-Kummissjonarji Elettorali b'dan jgħarrfu illi b'riferenza għall-avviż li deher fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 18,197 tat-Tlieta, is-26 ta' Frar, 2008, il-ħin għall-irtirar ta' dokumenti għall-votazzjoni fuq talba personali mill-Uffiċċju Elettorali, Evans Building, Misraħ Sant'Jiermu, il-Belt Valletta u mill-Uffiċċju tal-Karta ta' l-Identità, Misraħ San Franġisk, ir-Rabat, Għawdex, ser ikun kif jidher hawn taħt:-

Mit-Tnejn, it-3 sal-Erbgħa, il-5 ta' Marzu, 2008:

Mit-8.00 a.m. sat-8.00 p.m.

Il-Ħamis, is-6 ta' Marzu, 2008, l-aħħar jum:

Mit-8.00 a.m. sa nofs il-lejl.

Il-Kummissjonarji Elettorali jgħarrfu wkoll illi b'referenza għall-avviż li deher fl-imsemmija Gazzetta tal-Gvern dwar id-dokumenti għall-votazzjoni speċjali, il-ħin sabiex persuni reġistrati bħala votanti fir-Reġistru Elettorali ta' Ottubru, 2007, japplikaw għal dokument għall-votazzjoni speċjali fl-uffiċċji msemmija aktar qabel, ser ikun kif jidher hawn taħt:-

It-Tnejn, it-3 u t-Tlieta, l-4 ta' Marzu, 2008:

Mit-8.00 a.m. sat-8.00 p.m.

GENERAL ELECTIONS ACT,
1991

Notice

The Electoral Commissioners hereby notify that with reference to the notice published in Government Gazette No.18,197 of Tuesday 26th February, 2008, the time for the withdrawing of voting documents on personal application from the Electoral Office, Evans Building, St. Elmo Square, Valletta and from the Identity Card Office, St. Francis Square, Rabat, Gozo, shall be as shown hereunder:-

From Monday 3rd to Wednesday, 5th March, 2008:

From 8.00 a.m. to 8.00 p.m.

Thursday, 6th March, 2008, last day:

From 8.00 a.m. to midnight

The Electoral Commissioners further notify that with reference to the notice published in the aforementioned Government Gazette regarding special voting documents, the time for applications for a special voting document by persons registered as voters in the October, 2007 Electoral Register, at the Offices indicated above, shall be as shown hereunder:-

Monday, 3rd and Tuesday, 4th March, 2008:

From 8.00 a.m. to 8.00 p.m.

L-Erbgħa, il-5 ta' Marzu, 2008, l-aħħar jum:

Mid-8.00 a.m. sad-9.00 p.m.

E. R. GATT
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Misraħ Sant'Jiermu,
Il-Belt Valletta.

It-3 ta' Marzu, 2008

Wednesday, 5th March, 2008:

From 8.00 a.m. to 9.00 p.m.

E. R. GATT
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
St Elmo Square,
Valletta.

3rd March, 2008

ATT TA' L-1993 DWAR KUNSILLI LOKALI

Avviż

Il-Kummissjonarji Elettorali b'dan jgħarrfu illi b'riferenza għall-avviż li deher fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 18,195 tat-Tlieta, is-26 ta' Frar, 2008, il-ħin għall-irtirar ta' dokumenti għall-votazzjoni fuq talba personali mill-Uffiċċju Elettorali, Evans Building, Misraħ Sant'Jiermu, il-Belt Valletta u mill-Uffiċċju tal-Karta ta' l-Identità, Misraħ San Franġisk, ir-Rabat, Għawdex, ser ikun kif jidher hawn taħt:-

Mit-Tnejn, it-3 sal-Erbgħa, il-5 ta' Marzu, 2008:

Mit-8.00 a.m. sat-8.00 p.m.

Il-Ħamis, is-6 ta' Marzu, 2008, l-aħħar jum:

Mit-8.00 a.m. sa nofs il-lejl.

Il-Kummissjonarji Elettorali jgħarrfu wkoll illi b'referenza għall-avviż li deher fl-imsemmija Gazzetta tal-Gvern dwar id-dokumenti għall-votazzjoni speċjali, il-ħin sabiex persuni reġistrati bħala votanti fir-Reġistru Elettorali ta' Ottubru, 2007, japplikaw għal dokument għall-votazzjoni speċjali fl-uffiċċji msemmija aktar qabel, ser ikun kif jidher hawn taħt:-

It-Tnejn, it-3 u t-Tlieta, l-4 ta' Marzu, 2008:

Mit-8.00 a.m. sat-8.00 p.m.

LOCAL COUNCILS' ACT, 1993

Notice

The Electoral Commissioners hereby notify that with reference to the notice published in Government Gazette no.18,195 of Tuesday 26th February, 2008, the time for the withdrawing of voting documents on personal application from the Electoral Office, Evans Building, St. Elmo Square, Valletta and from the Identity Card Office, St. Francis Square, Rabat, Gozo, shall be as shown hereunder:-

From Monday 3rd to Wednesday, 5th March, 2008:

From 8.00 a.m. to 8.00 p.m.

Thursday, 6th March, 2008, last day:

From 8.00 a.m. to midnight

The Electoral Commissioners further notify that with reference to the notice published in the aforementioned Government Gazette regarding special voting documents, the time for applications for a special voting document by persons registered as voters in the October, 2007 Electoral Register, at the Offices indicated above, shall be as shown hereunder:-

Monday, 3rd and Tuesday, 4th March, 2008:

From 8.00 a.m. to 8.00 p.m.

L-Erbgħa, il-5 ta' Marzu, 2008, l-aħħar jum:

Mid-8.00 a.m. sas-6.00 p.m.

E. R. GATT
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Misraħ Sant'Jiermu,
Il-Belt Valletta.

It-3 ta' Marzu, 2008

ATT TA' L-1991 DWAR
L-ELEZZJONIJIET ĠENERALI

Avviż

Il-Kummissjonarji Elettorali jgħarrfu illi b'riferenza għall-avviż li deher fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 18,199 tal-Ġimgħa, id-29 ta' Frar, 2008, in-nomina tas-Sur Albert Rizzo għall-elezzjoni fuq l-Għaxar Distrett Elettorali qegħda b'dan tiġi mħassra. Għaldaqstant l-isem ta' dan il-kandidat mhux ser jidher fuq il-polza tal-votazzjoni.

E. R. GATT
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Misraħ Sant'Jiermu,
Il-Belt Valletta.

It-3 ta' Marzu, 2008

BIBLJOTEKA PUBBLIKA TA' GĦAWDEX

Se tkun magħluqa nhar l-Elezzjoni

Ngħarrfu għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Bibljoteka Pubblika ta' Għawdex se tkun magħluqa għall-pubbliku nhar is-Sibt, 8 ta' Marzu, 2008, nhar l-Elezzjoni skond l-artikolu 2 ta' l-Avviż Legali 8 ta' l-1983.

L-Iskola Primarja Sir Arturo Mercieca, ir-Rabat, Għawdex, se tintuża għall-Kmamar tal-Votazzjoni 524 - 525 għar-raħal tal-Fontana.

It-3 ta' Marzu, 2008

Wednesday, 5th March, 2008:

From 8.00 a.m. to 6.00 p.m.

E. R. GATT
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
St Elmo Square,
Valletta.

3rd March, 2008

GENERAL ELECTIONS ACT,
1991

Notice

The Electoral Commissioners notify that with reference to the notice published in Government Gazette No.18,199 of Friday, 29th February, 2008, the nomination of Mr Albert Rizzo for election on the Tenth Electoral Division is hereby deleted. Consequently the name of this candidate shall not be shown on the ballot paper.

E. R. GATT
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
St Elmo Square,
Valletta.

3rd March, 2008

GOZO PUBLIC LIBRARY

Closed on Election Day

It is notified for general information that the Gozo Public Library will be closed on Saturday, 8th March, 2008, being Election day, as per Legal Notice 8 article 2 of 1983.

Sir Arturo Mercieca Primary School, Victoria, Gozo, is to be used as Polling Booths 524 - 525 for the village of Fontana.

3rd March, 2008

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 17

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ, twaqqif u pparkjar ta' vetturi huwa pprojbit mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ħal Għaxaq

Nhar il-Ġimgħa, l-14 ta' Marzu, 2008, mill-4.00 p.m. 'il quddiem, minn Triq San Ġużepp, Triq San Pawl, Triq San Filippu, Pjazza Santu Rokku, Triq Santa Marija, Triq Santa Tereża, Dawret Ħal Għaxaq (Service Road) Vjal il-Labour u Pjazza Santa Marija.

Nhar il-Ħadd, is-16 ta' Marzu, 2008, mis-6.00 a.m. 'il quddiem, minn Misraħ San Filippu, Misraħ Santu Rokku u Triq Santa Marija.

Nhar it-Tlieta, it-18 ta' Marzu, 2008, mit-3.00 p.m. 'il quddiem, minn Triq San Ġużepp, Triq San Pawl, Triq San Filippu, Pjazza Santu Rokku, Triq Santa Marija, Triq Santa Tereza, Dawret Ħal Għaxaq (Service Road), Vjal il-Labour u Pjazza Santa Marija.

Nhar il-Ħadd, it-30 ta' Marzu, 2008, mis-7.00 a.m. 'il quddiem, minn Triq il-Gudja u Triq Santa Marija.

Nhar il-Ħadd, l-4 ta' Mejju, 2008, mis-7.00 a.m. 'il quddiem, minn Vjal il-Labour, Triq il-Knisja, Triq San Pawl, Misraħ San Filippu, Misraħ Santu Rokku u Triq Santa Marija.

Vetturi li jinsabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż jistgħu jkunu rmunkati.

It-3 ta' Marzu, 2008

POLICE NOTICE

No. 17

In virtue of section 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance, (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit, stopping and parking of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Għaxaq

On Friday, 14th March 2008 from 4.00 p.m. onwards, through Triq San Ġużepp, Triq San Pawl, Triq San Filippu, Pjazza Santu Rokku, Triq Santa Marija, Triq Santa Tereża, Dawret Ħal Għaxaq (Service Road) Vjal il-Labour and Pjazza Santa Marija.

On Sunday, 16th March 2008 from 6.00 a.m. onwards, through Misraħ San Filippu, Misraħ Santu Rokku and Triq Santa Marija.

On Tuesday, 18th March 2008 from 3.00 p.m. onwards, through Triq San Ġużepp, Triq San Pawl, Triq San Filippu, Pjazza Santu Rokku, Triq Santa Marija, Triq Santa Tereza, Dawret Ħal Għaxaq (Service Road), Vjal il-Labour and Pjazza Santa Marija.

On Sunday, 30th March, 2008, from 7.00 a.m. onwards, through Triq il-Gudja and Triq Santa Marija.

On Sunday, 4th May, 2008, from 7.00 a.m. onwards, through Vjal il-Labour, Triq il-Knisja, Triq San Pawl, Misraħ San Filippu, Misraħ Santu Rokku and Triq Santa Marija.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

3rd March, 2008

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 18

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skond l-Avviż Legali 101/97, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu klassifikati bħala it-toroq imsemmija hawn taħt se jkunu meqjusa bħala Żoni ta' Rmonk fid-data u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa ta' l-Artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ, ipparkjar u twaqqif ta' vetturi huma pprojbiti fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

POLICE NOTICE

No. 18

The Commissioner of Police notifies that in terms of Legal Notice No. 101/97, the streets mentioned hereunder will be classified as Tow Zones on the date and times indicated.

In virtue of section 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance, (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit, stopping and parking of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Il-Furjana

Nhar il-Ġimgħa, l-14 ta' Marzu, 2008, mis-1.00 p.m. 'il quddiem minn Triq Vincenzo Bugeja, Triq Leone, Triq Konservatorju, il-Mall, Triq Sarria, Triq San Tumas, Triq l-Imħażen, Triq il-Miratur u Triq San Publju.

Vetturi li jinsabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż jistgħu jkunu rmunkati.

Il-Belt Valletta

Nhar il-Ġimgħa, l-14 ta' Marzu, 2008, mis-1.00 p.m. 'il quddiem minn Triq Sant' Ursula, Triq San Kristofru, Triq Merkanti, Triq Melita, Triq San Pawl sa quddiem il-Knisja ta' San Pawl Nawfragu.

Nhar il-Ġimgħa, il-21 ta' Marzu, 2008, mis-1.00 p.m. 'il quddiem minn Triq Sant' Ursula, Triq San Kristofru, Triq Merkanti, Triq Melita u Triq San Pawl sal-Knisja ta' San Pawl Nawfragu.

Nhar il-Ħadd, it-23 ta' Marzu, 2008, is-1.00 p.m. 'il quddiem minn Triq Merkanti, Triq Melita, Triq San Pawl u Triq San Nikola.

Vetturi li jinsabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż jistgħu jkunu rmunkati.

It-3 ta' Marzu, 2008

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET RURALI U L-AMBJENT

Ġranet u Ħinijiet tal-Ftuħ tal-Pitkalija

Id-Direttur ta' l-Agrikoltura jgħarraf li fil-ġimgħa ta' bejn l-10 u s-16 ta' Marzu 2008, il-Pitkalija mhux se tiftaħ it-Tnejn, l-10 ta' Marzu, 2008 u se tiftaħ it-Tlieta, il-11 ta' Marzu, 2008 'il quddiem regolarment.

Id-Direttur ta' l-Agrikoltura jgħarraf ukoll li fil-ġimgħa ta' bejn is-17 u 23 ta' Marzu 2008, il-Pitkalija se tiftaħ it-Tnejn 17 ta' Marzu u l-Erbgħa 19 ta' Marzu 2008 kif ġej:

Bdiewa	7.00 a.m. – 1.00 p.m.
Xerrejja	1.00 p.m. 'il quddiem
Pubbliku	4.00 p.m. 'il quddiem

It-3 ta' Marzu, 2008

Floriana

On Friday, 14th March 2008 from 1.00 p.m. onwards, through Triq Vincenzo Bugeja, Triq Leone, Triq Konservatorju, il-Mall, Triq Sarria, Triq San Tumas, Triq l-Imħażen, Triq il-Miratur and Triq San Publju.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

Valletta

On Friday, 14th March, 2008, from 1.00 p.m. onwards through Triq Sant' Ursula, Triq San Kristofru, Triq Merkanti, Triq Melita, Triq San Pawl up to St Paul's Shipwreck Church.

On Friday, 21st March, 2008, from 1.00 p.m. onwards through Triq Sant' Ursola, Triq San Kristofru, Triq Merkanti, Triq Melita and Triq San Pawl up to St Paul's Shipwreck Church.

On Sunday, 23rd March, 2008, from 1.00 p.m. onwards through Triq Merkanti, Triq Melita, Triq San Pawl and Triq San Nikola.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

3rd March, 2008

MINISTRY FOR RURAL AFFAIRS AND THE ENVIRONMENT

Opening Days and Hours of the Pitkali Market

The Director of Agriculture notifies that in the week between the 10th and the 16th March, 2008, the Pitkali Market will not be open on Monday, 10th March, 2008 and will open regularly on Tuesday, 11th March, 2008 onwards.

The Director of Agriculture also notifies that of in the week between 17th and 23rd March, 2008, the Pitkali market will open on Monday 17 March and Wednesday 19th March 2008 as shown hereunder:-

Farmers	7.00 a.m. – 1.00 p.m.
Buyers	1.00 p.m. onwards
The public	4.00 p.m. onwards

3rd March, 2008

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

381

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fit-28 ta' Frar 2008, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali numru 78/08, fl-ismijiet Untours Insurance Agents Ltd vs Leigh Angelo Macer Bishop et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat, a tenur ta' l-artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Leigh Angelo Macer Bishop ta' 2, Triq Sant'Anġlu, Sliema u GasanMamo Insurance Ltd, fit-8 ta' Jannar 2008, Untours Insurance Agents Ltd (C5655) għal Qatar Insurance bħala surrogati fid-drittijiet ta' l-assikurat tagħhom Ryan Abdilla u l-istess Ryan Abdilla (ID81779M) ta' WMB, Triq l-Ifran, Valletta, jinterpellak Leigh Angelo Macer Bishop sabiex fi żmien jumejn tħallashom is-somma ta' €1,107.10 (Lm475.28) danni minnhom subiti in segwitu għal inċident stradali li seħħ fil-5 ta' Marzu 2006 f'Valletta Road, Rabat, bejn Toyota Tercel Nru. CBJ 251 misjuqa minnek għal liema inċident int kont unikament responsabbli.

F'dan l-inċident il-motorcycle imsemmi kien assikurat minnek GasanMamo Insurance Ltd.

Jekk dan it-terminu jgħaddi inutilment jittieħdu proċeduri ulterjuri skond il-ligi.

Bl-ispejjeż.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 3 ta' Marzu 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree given on the 28th February 2008, in the records of the judicial letter number 78/08, in the names Untours Insurance Agents Ltd vs Leigh Angelo Macer Bishop et, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a judicial letter filed in the Court of Magistrates (Malta) against Leigh Angelo Macer Bishop of 2 Triq Sant'Anġlu, Sliema and GasanMamo Insurance Ltd, on the 8th January 2008, Untours Insurance Angents Ltd (C5655) for Qatar Insurance as subbrogated in the rights of their insured Ryan Abdilla and the same Ryan Abdilla (ID81779M) of WMB, Triq l-Ifran, Valletta, called upon Leigh Angelo Macer Bishop so that within two days he pays the sum of €1,107.10 (Lm475.28) damages caused following the road accident which occured on the 5th March 2006 in Valletta Road, Rabat between Toyota Tercel registration number CBJ 251 driven by you and for which accident you were the soley responsible.

In this accident the motorcycle mentioned was insured by you GasanMamo Insurance Ltd.

If this time limit uselessly passes further procedures will be taken according to law.

With costs.

Registry of the Court of Magistrates (Malta) today 3rd March 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

382

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM' AWLA fi 10 ta' Ottubru, 2007 fuq rikors ta' FAMA TRADING COMP LTD ġie ffissat il-jum ta' il-Ħamis, 6 ta' Marzu, 2008 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet ta' 19 ta' April, 2007 li għandu jsir f' 149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA tal-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand DEBONO ALFRED ET.

Kamra tal-ikel, 3 televisions, 2 skrivaniji, dvd player, bureau, washing machine u ħafna affarijiet oħra simili.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ġimgħa, 22 ta' Frar, 2008.

MICHAEL PORTELLI
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 10 October, 2007 on the application of FAMA TRADING COMP LTD, Thursday, 6 March, 2008 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 19 April, 2007 to be held at 149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA of the following items seized from the property of DEBONO ALFRED ET.

Dinning room, 3 televisions, 2 desks, dvd player, bureau, washing machine and many other similar items.

Registry of the Superior Courts, this Friday, 22 February, 2008.

MICHAEL PORTELLI
For the Registrar of Civil Courts and Tribunals

383

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti ta' l-Appell, permezz ta' digriet mogħti fis-26 ta' Frar, 2008 fl-atti tar-Rikors ta' l-Appell numru 433/90 DS, fl-ismijiet Ignatius Licari bħala stralċjarju għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Farr Limited (C 1402) kontra Dennis Philip Pirotta, u b'digriet ta' l-24 ta' Jannar 1994 il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Kevin Pirotta u Estella armla ta' Dennis Pirotta f'isimha proprju kif ukoll għan-nom ta' l-assenti Vanessa Pirotta, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Ignatius Licari noe, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Billi ngħalqu l-proċeduri bil-miktub fil-kawża quddiem il-Qorti ta' l-Appell, bejn Ignatius Licari bħala stralċjarju għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Farr Limited kontra Dennis Philip Pirotta, u b'digriet ta' l-24 ta' Jannar 1995, il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Kevin Pirotta u Estella armla ta' Dennis Pirotta f'isimha proprju kif ukoll għan-nom ta' l-assenti Vanessa Pirotta, il-Qorti ffissat is-smigħ ta' dina l-kawża għal nhar it-Tlieta, erbgħa (4) ta' Marzu, 2008 fl-10.00 a.m.

Notifika: Ignatius Licari, bħala stralċjarju għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà:

Farr Limited,
37, Triq St. Francis,
Cospicua.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, (Appelli) illum 28 ta' Frar, 2008.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified, that the Court of Appeal by means of a decree given on the 26 th February 2008, in the records of the Application of Appeal 433/90 DS, in the names Ignatius Licari as liquidator in the name of and in representation of the company Farr Limited (C 1402) against Dennis Philip Pirotta, and by decree of the 24 January 1994, the suit was continued in the name of Kevin Pirotta and Estella widow of Dennis Pirotta in her own name as well as in the name of the absentee Vanessa Pirotta, ordered the following publication for the purpose of service of Ignatius Licari noe, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

Since the written procedures in the cause before of the Court of Appeal between Ignatius Licari as liquidator in the name of and in representation of the company Farr Limited against Dennis Philip Pirotta, and by decree of the 24 January 1995, the suit was continued in the name of Kevin Pirotta and Estella widow of Dennis Pirotta in her own name as well as in the name of the absentee Vanessa Pirotta, the Court fixed the hearing of this cause for Tuesday, fourth (4) March, 2008 at 10.00 a.m.

Notify: Ignatius Licari, as liquidator in the name and in representation of the company:

Farr Limited,
37, Saint Francis Street,
Cospicua.

Registry of the Superior Courts, (Appeals) today 28th February, 2008.

ADV. DR. FRANK PORTELLI LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

384

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM' AWLA fi 15 ta' Jannar, 2008 fuq rikors ta' MALTA INDUSTRIAL PARKS LTD ġie ffissat il-jum ta' it-Tnejn, 21 ta' April, 2008 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li għandu jsir f' A493, QASAM INDUSTRIJALI, MARSA, tal-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand SENS PRO MALTA LTD.

Photocopiers, fax machines, mejda, siġġijiet u ħafna affarijiet oħra

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tlieta, 15 ta' Jannar, 2008.

MICHAEL PORTELLI
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 15th January 2008 on the application of MALTA INDUSTRIAL PARKS LTD, Monday, 21st April, 2008 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered to be held at A493, INDUSTRIAL ESTATE, MARSA of the following items seized from the property of SENS PRO MALTA LTD.

Photocopiers, fax machines, table, chairs and other items

Registry of the Superior Courts, this Tuesday, 15 January, 2008.

MICHAEL PORTELLI
For the Registrar of Civil Courts and Tribunals

385

Ikun jaf kulħadd, illi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, permezz ta' digriet mogħti fl-14 ta' Frar 2008, fl-atti tar-Rikors Numru 1191/07 RCP, fl-ismijiet Mifsud Cedric Dr noe versus Promax International Ltd, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat, a tenur ta' l-Artikolu 187(5) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Dr Cedric Mifsud a nom u in rappreżentanza tas-soċjetà estera Genc Yemiscilier Dis Tic Ltd, ta' 99, Sokak no.1. Pinarbasi, Izmir, Turkija, vs (1) Promax International Limited (C 31752), fit-13 ta' Novembru 2007, is-soċjetà rikorrenti talbet lil din l-Onorabbli Qorti;

1.Tgħaddi biex tiddeċiedi fuq it-talba tas-soċjetà rikorrenti bid-dispensa tas-smigħ ai termini tal-artikolu 167 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

2.Tikkundanna lill-intimati jħallsu lis-soċjetà rikorrenti s-somma ta' €19,700 (Lm8,455.27) (USD 25,680.89) ammont minhom dovut għar-raġunijiet hawn fuq imsemmija.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Notifika: 32/33, Old Bakery Str, Valletta.

Ir-Rikors Numru 1191/07 RCP, fl-ismijiet Mifsud Cedric Dr noe vs Promax International Limited, jinsab differit għall-nhar l-Erbgħa, 23 ta' April 2008, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 29 ta' Frar 2008.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the First Hall Civil Court, by means of a decree given on the 14th February 2008, in the records of the Application Number 1191/07 RCP, in the names Mifsud Cedric Dr Noe versus Promax International Ltd, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of an Application, filed, in the First Hall Civil Court, in the names Dr Cedric Mifsud in the name and in representation of the foreign company Genc Yemiscilier Dis Tic Ltd, of 99, Sokak no. 1, Pinarbasi, Izmir, Turkey, vs (1) Promax International Limited (C 31752) on the 13th November 2007, the applicant company asked this Honourable Court;

1.To pass on to decide the demand of the applicant company without proceeding to a hearing in terms of article 167 of the Code of Organisation and Civil Procedure;

2. Condemn the respondents to pay the plaintiff company the sum of €19,700 (Lm8,455.27) (USD 25,680.89) amount due by you for the reasons above mentioned.

With costs and interest.

Service at: 32/33, Old Bakery Street, Valletta.

The Application Number 1191/07 RCP, in the names Mifsud Cedric Dr noe vs Promax International Limited, has been put off to Wednesday ,23rd April 2008, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 29th February 2008.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

386

Ikun jaf kulħadd illi Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja), permezz ta' digriet mogħti fis-7 ta' Frar 2008, in segwitu għar-rikors ta' Michael Ghigo (ID 501070M) u Marika Muscat (ID 192873M), rikors numru 645/2007, Reverendu Dun Carmelo Ghigo, qassis, iben il-mejtin Giuseppe u Giulia neé Mallia, imwieled l-Imqabba u residenti fid-Dar tal-Kleru, Birkirkara, bil-karta ta' l-identità numru 0777735(M) ġie interdett.

Reġistru Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) illum 29 ta' Frar, 2008.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified, that the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section), by means of a decree given on the 7th February 2008, following an application of Michael Ghigo (ID 501070M) and Marika Muscat (ID 192873M), application number 645/2007, Reverend Fr Carmelo Ghigo, priest, son of the deceased Giuseppe and Giulia neé Mallia, born in Mqabba and residing at Dar tal-Kleru, Birkirkara, identity card number 0777735 (M) was interdicted.

Registry Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section today 29th February 2008.

ADV. DR. FRANK PORTELLI LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

L-ammonti bil-lira Maltija huma bbażati fuq ir-rata ta' €1=Lm0.429300 u huma għal użu ta' informazzjoni biss
Values displayed in Maltese lira are based on the rate of €1=Lm0.429300 and are for information purposes only

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*